# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **42** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tlieta 16 ta' Frar 2016 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | *Membri* |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard |
| Skużati | Is-Sur Daniel Spiteri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |

### *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 41.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena finanzjarja 2015.
6. Approvazzjoni tal-Buisness Plan 2016 - 2019.
7. Approvazzjoni tal-Kwotazzjoniet:
   MLC 01/2016 - Lease pf Premises as a Training Centre to be used by the Marsaskala Local Council.
   MLC 02/2016 - Renting of garage/stores.
8. Mistoqsijiet.
9. Mozzjonijiet.
10. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
11. Aġġornament.

Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 41(1) tal-21 ta' Jannar 2016:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Il-Viċi Sindku is-Sinjura Desiree' Attard irrimarkat fuq żball grammatiku li jidher fuq paġna 5 artiklu #3.2 fejn għandha tinbidel u tinqara kif ġej :

*"Memo 1/2016 – Rapport tal-Uffiċċju tal-Verifika (NAO) 2014 (35/0060/16/I)."*

***Il-Viċi Sindku is-Sinjura Desiree' Attard pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ssekondat. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 41(1) tal-21 ta' Jannar 2016:**

2.1.1 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet fuq paġna 8 artiklu #3.8 rigward l-latrini pubbliċi fejn kellna nibgħatu lill-MTA fejn huma talbu li nidentifikaw spazzju fil-latrina ta' San Tumas sabiex isiru showers fihom.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill ġie infurmat illi s-showers mhumiex ser isiru kif kien indikat fil-pjanta cioe ġewwa l-latrini iżda ser isiru fuq barra.

Is-Segretarju qal illi l-ispejjeż ta' dawn is-showers mhumiex ser jinħarġu mill-Kunsill u qal illi informa lill-MTA illi s-showers diġa eżistenti li saru mill-fondi tal-EU għandhom jibqgħu fejn huma għal 5 snin li ġejjien.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa meta ser jibda dan ix-xogħol.

Is-Sindku qal illi l-Perit tal-Kunsill kellu laqgħa mall-MTA dwar dan pero` għad irid jitkellem miegħu dwar x'intqal.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 5 artiklu #3.5 jekk il-papri tneħħewx mill-Magħluq.

Is-Sindku qal illi l-papri mhux talli ma tneħħewx iżda qiegħdin jiżdiedu. Kompla jgħid illi ftit ġranet wara li ddiskutejna l-Magħluq fil-laqgħa tal-Kunsill, irċevejna xi korrispondenza fejn tgħid illi ser jinbeda xi xogħol fuq il-Magħluq.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsilliera illi ser issir press conference min naħa tal-Kunsill u hemmhekk il-Kunsilliera flimkien mas-Sindku jkunu jistgħu jsemmu n-nuqqasijiet kollha ġewwa l-Magħluq li ilna nitkellmu fuqhom ħafna żmien. Kompla jgħid illi l-magħluq hija obbligu tal-MEPA u mhux tal-Kunsill.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-6:13pm.***

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 4 artiklu #3.4 rigward l-applikazzjonijiet l-MEPA dwar Ġnien Żonqor u qal illi hu jħoss illi l-Kunsill mhuwiex mixi l-quddiem b'dan il-Perit illi għandu l-Kunsill fil-preżent.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu kellem lill-Perit Lewis kemm il-darba sabiex jiltaqgħu saħansitra stiednu sabiex jattendi l-laqgħa tal-Kunsill sabiex jitkellem mall-Kunsilliera kollha pero ma setax jattendi. Kompla jgħid illi fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill kien iddeċieda illi nistiednu residenti tal-madwar tal-Bandli taż-Żonqor sabiex jattendu l-laqgħa pubblika pero jħoss li mhijiex ideja tajba la darba l-Kunsill m'għandux l-informazzjoni f'idejh.

Is-Sindku qal illi jekk l-Kunsill jaqbel għandna nibgħatu ittra lill-Perit William fejn ngħidulu illi la darba hu m'għandux ħin biżżejjed x'jiddedika fil-Kunsill tagħna dan għandu jirrinunċja l-pożizzjoni tiegħu għaliex il-Kunsill kien min dejjem Kunsill attiv u għandna bżonn lil xi ħadd li jkun disponibbli sabiex ix-xogħol ma jieħux dewmien.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 2 artiklu #2.1.2 jekk l-Kunsill kellimx lill-kuntrattur tal-knies rigward l-ammont ta' ħaddiema.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu tkellem mal-Kuntrattur tal-knis u issa l-Kunsill qed jiġu ħames ħaddiem jiffirmaw kuljum fejn waħda minnhom hija l-istess kuntrattur.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 4 artiklu #3.2 jekk kienx hemm verifika fuq dak li iddiskutejna fil-laqgħa tal-Kunsill cioe li l-Kunsill m'għandux id-deficit li hemm mniżżel fir-rapport.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ittra se jibgħata dalwaqt minħabba li kiem impenjat biex iħejji rapporti finanzjarji fisthom il-Business plan u l-Financial Statements.

Il-Kunsillier is-Sur Ciantar qallu illi tajjeb li din l-ittra apparti d-dipartiment tibtbgħat anke lil-awdituri kif ukoll lill-Ministru għaliex tajjeb li jkunu jafu l-verżjoni tagħna fuq dan ir-rapport.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 7 artiklu #6.2 fejn il-Kunsill qabel illi tintbgħat ittra lill-kumitat konsultattiv lill-Gvern kif ukoll lill-Kunsill żoni turistiċi sabiex nitolbuhom biex issir Triq tal-Gardiel kif ukoll it-toroq tal-madwar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu kellem lis-Sur Joe Debono tal-Foundation for Tourism Zone Development pero` meta kien ġie l-Kunsill kienu iddeċiedew li bħala proġett kapitali mill-istess Fondazzjoni kellha ssir il-pjazza Dun Tarċiż Aguis.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk il-Kunsill kien isuġerixxa li tinfetaħ it-triq sabiex issir pedestrian zone awtomatikament il-problema tal-pjazza Dun Tarċiż ser tkun riżolta.

Is-Sindku qal illi dak huwa proġett li fadallu ħafna sabiex isir.

Il-Kunsillier Is-Sur Ciantar qal illi xorta waħda jkun sar proġett għalxejn.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi tajjeb li l-Kunsill jippreżenta din il-proposta quddiem il-Kumitat Konsultattiv tan-Nofsinhar ta' Malta sabiex huma wkoll ikunu jafu u jkunu jistgħu jimbottaw meta jkun ser issir l-allokazzjoni finanzjarja.

Is-Sindku qal illi xorta jibqa l-fatt li aħjar li ssir il-Pjazza milli Triq tal-Gardiel u t-toroq tal-madwar għaliex hemm problema akbar.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 7 artiklu #3.6 jekk il-Kunsill kienx kellem lill-Perit rigward il-one way system fi Triq in-Nadur.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu bgħat ittra pero` għadu ma rċieva l-ebda risposta mingħand il-Perit.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 3 artiklu 2.1.4 jekk il-minuti tal-laqgħa li saret mal-investituri tal-Universita' Amerikana ġewwa ż-Żonqor ġewx imtellgħin fuq il-website tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-minuti jinsabu fil-website tal-Kunsill.

3.0 ***<u>Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq jressaq quddiem il-Kunsill:</u>***

3.1 **<u>Ċitazzjonijiet li qedgħin jingħataw fil-Lokalita' ta' Marsaskala:</u>**

Is-Sindku qal illi kellu jikteb din l-ittra minħabba l-ilmenti kollha li qed ikollu ta' kuljum u dan minħabba l-ammont ta' ċitazzjonijiet illi r-residenti qed jieħdu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jkun aħjar jekk il-wardens iduru mal-Lokal u jaraw dawk in-nies kollha li jkunu qed jaħdmu bil-krejns li ma jkunux għamlu permess mal-Kunsill u jibgħatuhom il-Kunsill sabiex jirregolaw ruħhom kif qed isir preżentament mil-liason officer tal-pulizija.

Is-Sindku qal illi ser jara jekk irciviex xi risposta u jinforma lill-Kunsill.

3.2 **<u>Talba mis-Sur Scicluna biex jitpoġġew iktar imwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbiliment Country Style (35/0403/16/I):</u>**

Is-Sindku qal illi irċevejna ittra fejn fiha hemm indikat l-ammont ta' mwejjed li l-istabbiliment Country style qed japplika għalihom. Kompla jgħid illi din kienet l-ewwel darba li qed jitolbu approvazzjoni min naħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi meta tħares lejn il-pjanta taħseb li mhux ser ikun hemm xi differenza minn dak li diġa hemm preżentament pero la darba tmur fuq il-post tinduna li l-affarijiet huma ferm differenti. Kompla jgħid illi għalkemm qed japplika għal dawn l-imwejjed dan l-istabbiliment ilu snin joħroġ dawn l-imwejjed u siġġijiet mingħajr permess.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet li hi tħoss li l-Kunsill għandu joġġezzjona.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi b'dan il-mod ser jibda jkollna ħwienet oħra li jibdew jagħmlu l-istess bħal m'għamel il-Country style.

Is-Sindku qal illi hu ma jħossx li l-Kunsill għandu joġezzjoni għall-imwejjed kollha iżda għal-parti minnhom.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri daħal għal laqgħa fis-6:32pm.***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tajjeb li naraw kemm ser tittieħed area u mhux l-ammont ta' mwejjed.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi sa fejn jindika 2 mwejjed ma jsibx oġezzjoni pero` hu ma jaqbilx mas-sitta l-oħra indikati.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ser nidħlu għal preċedent fejn kull stabbiliment ikun irid iżid biċċa oħra ma li għandhom meta dawn lanqas biss jimxu mar-regoli.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi meta kien hemm diskussjonijiet fuq il-bandli qabel ma nbena,dak kien il-punt għalfejn saru il-bankijiet sabiex l-istabbilimenti ma jibqgħux ħiergin bl-imwejjed u siġġijiet.

Is-Sindku qal illi anke hu ma jaqbilx mal-imwejjed kollha proposti iżda ma ftit minnhom għaliex iħoss li mhux ser ikun qed idejjaq lil ħadd.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tajjeb li ngħidu illi din l-extension qed tintalab għaliex dan l-istabbiliment għandu faċċata akbar u għalhekk jista jkollu aktar mwejjed min stabbilimenti oħra fl-istess żona.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-bandli kien hemm qabel ma kien hemm l-istabbilimenti u issa spiċċa li qed inaqqsu mill-bandli biex nagħtu aktar spazzju lill-istabbilimenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi diġa hemm aċċess magħluq minħabba l-imwejjed tal-Country style flimkien mal-imwejjed ta' stabbiliment li jinsab ħdejh.

Il-Kunsill qabel unanimament illi noġezzjonaw għal pjanta kif proposta minħabba raġunijiet ta' sigurta u nipproponu li jitħallew biss erba imwejjed u nitolbu lill-MTA sabiex jieħdu ħsieb is-sigurta fil-bandli.

Il-Kunsill qabel ukoll li kemm-il darba l-MTA tapprova is-sit kollu kif propost fl-applikazzjoni iżżomm lill-istess Awtorita' responsabbli għal kwalunkwe inċident li jista jinqala.

3.3 **<u>Risposta mid-Dipartiment rigward it-talba tas-Sur Neville Schembri (35/0379/16/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara li ikkomunika kemm il-darba mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward dan is-suġett, id-dipartiment ma kienx qed jagħti tweġiba ċara fuq x'għandu jagħmel il-Kunsill u għalhekk ħass li l-Kunsill ma jistax jaċetta it-talba tas-Sur Schembri sabiex juża t-training centre bħala indirizz tal-akkademja.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.4 **<u>Aġġornament dwar l-applikazzjoni mill-Kunsill lil MEPA għal fondi tal-UIF biex jinbidlu l-bozoz u jsiru dawk ornamentali:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu fil-laqgħa tal-Kunsill ta' April 2015 kien talab kjarifika ta x'inhuma l-ornamental lights li hemm fit-tender għaliex issa jidher li l-kuntrattur mhuwiex jippreżenta l-istess ornamental lights. Kompla jgħid illi l-UIF qed jitolbu li jkun b'horizontal cut off. Il-Kunsillier Ciantar qal li skond il-kjarifika l-bozoz suppost li huma LED.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi rigward il-horizontal cut off il-kuntrattur mar għand il-manifattur ta' dawn l-ornamental lights u tah l-opzjoni illi dawn l-ornamental lights isiru bil-horizontal cut off u li jinkorporaw bozoz metal halide.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-bozza metal halide ikollix qawwa li tista idejjaq lin-nies u kemm ser tkun l-ispiża ta' dawn il-bozoz u kemm tikkonsma enerġija.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi sa fejn jaf hu l-BOQ's tat-tender jindikaw l-ispiża biex titwaħħal luminaire ornamentali u ma tispeċifikax l-bozza li qed tintuża. Kompla jgħid illi l-UIF aċċettaw li l-bozza tkun metal halide għaliex normalment hija bozza aktar versatili mill-LED pero bħala consumption l-metal halide mhijiex tajba daqs LED. Bħala lifetime skond l-ispecifications bozza LED għandha aktar lifetime itwal pero mhijiex kostanti daqs kemm hi l-metal halide.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-MEPA ma jridux li l-bozoz ikollhom ħġieġa minħabba li l-istess ħġieġa jirrifletti d-dawl u jista jdejjaq lir-residenti fejn tkun twaħħlet din il-luminaire ornamentali. Hu kompla jgħid illi għal post bħal ma hu Marsaskala fejn qiegħdin imdawrin bil-baħar kemm il-luminaire kif ukoll il-holder ser ikollhom ħajja qasira jekk ma jsirux il-ħġieġ. Qal ukoll illi jħoss illi jekk l-ornamental light ma jkollix ħġieġa ser ikun hemm problema kemm bin-nemus kif ukoll bl-għasafar li jibdew ibejtu fiha, għalhekk iħoss li għandu jsir meeting mall-MEPA sabiex niddiskutu dawn il-punti kollha.

Il-Kunsill qabel illi ssir laqgħa mall-MEPA.

- **Kien hemm sospenzjoni tar-regolamenti.**

5.0 ***Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena finanzjarja 2015***

5.1 *L*-Accountant is-Sinjura Doreen Calleja spjegat il-financial statements għas-sena finanzjarja 2015.

***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona l-approvazzjoni tal-financial statements għas-sena finanzjarja 2015 u l-Kunsilllier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.***

6.0 ***Approvazzjoni tal-Buisness Plan 2016 - 2019:***

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għadna ma nafux x'ser nagħmlu bħala proġetti kapitali u għalhekk kif ikollna xi proġett kapitali aktar dettaljat hemmhekk il-buisness plan ikollu jerġa jinbidel.

L-Accountant is-Sinjura Doreen Calleja spjegat il-Business plan għas-snin 2016 sa 2019.

***Il-Kunsillier is-Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-financial statements għas-sena finanzjarja 2015 u l-Kunsilllier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.***

3.5 **Magazin tal-Kunsill, kemm il-ħarġa ser issir din is-sena?**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minħabba li din is-sena l-Għid ġej aktar kmieni u minħabba li ma sarux xi proġetti kbar iħoss li tajjeb li naqbżu wieħed mill-magażin għal din is-sena u allura l-magażin isir wieħed qabel is-sajf u l-ieħor qabel il-Milied.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi is-Sur Rio Sammut kiteb ktieb fuq il-Munxar u tajjeb li kieku nippublikaw lilu minflok it-tielet magażin.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet li nistgħu nippublikawh online u b'hekk niffrankaw l-ispejjeż.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-magazin ma jsirx għal Għid iżda joħroġ il-magażin li jmiss fix-xhur tas-sajf kif ukoll li l-ktieb tas-Sur Sammut jiġi ippublikat online, hekk kif jitlesta.

3.6 **Ilmenti online:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu sar l-amministratur flimkien mall-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard fuq il-facebook tal-Kunsill u qed jinnota li fil-weekend jirċievi ħafna ilmenti fuq bozoz, bulky refuse eċċ. Kompla jgħid illi jaħseb li tkun ideja tajba li kieku xi impjegata mill-customer care issir ukoll administrator tal-paġna sabiex tittieħed azzjoni immedjata fuq l-ilmenti.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet illi hi ma taqbilx ma dan minħabba raġunijiet ta sigurta li hemm fuq din il-paġna għaliex ikun hemm aktar ċans li l-paġna tiġi hacked.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill għandu jkollu sistema li fuqha jiġu mniżżla l-ilmenti kollha li jkunu daħlu l-Kunsill kuljum.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi is-sistema ta' servizz.gov li hija diġa eżistenti tista tintuża anke għal ilmenti oħra apparti dawk li nirraportaw lil xi entita'.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-ilment li jixtieq jwassal huwa li l-ħmieġ kbir li qed ikun hemm ħdejn il-bring in sites huwa diżgustanti u tajjeb li jsir rapport fuq dan.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jħoss illi għandhom jitnaqqsu il-Bring in sites li hemm fi Triq il-Blajjiet għaliex hemm ħafna. Kompla jgħid illi ħdejn id-domes li hemm fi ~~Triq~~ ix-Xatt ~~ħdejn is-Summer nights~~ qed ikun hemm ħmieġ kbir mal-madwar.
fejn il-bandli

Is-Sindku qal illi tajjeb nibgħatu ittra lis-sidien tal-ħwienet biex nerġgħu ninfurmawhom illi jistgħu jiġbru boroż oranġjo b'xejn mill-Kunsill u jużaw lilhom.

3.7 **Minuti tal-laqgħa il-MEPA dwar żvilupp propost fil-Munxar:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn huma l-minuti tal-laqgħa li attendew għaliha ġewwa l-MEPA rigward il-Munxar, kompla jgħid illi ħafna drabi l-iscreening letter tinħareġ sabiex il-Kuntrattur jinduna bl-iżbalji li jkun għamel fl-applikazzjoni u jkollu ċ-ċans sabiex jirranġahom qabel ma tiġi sottomessa l-applikazzjoni finali. Kompla jgħid illi tajjeb li ngħatu raġunijiet oltre minn dik li l-area hija ODZ.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk l-oġġezzjonijiet sottomessi ikunu jidhru fuq il-website tal-MEPA u staqsa jekk il-Kunsill għamilx l-oġezzjoni tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-oġezzjoni għan-nom tal-Kunsill intbgħatet u l-minuti tal-iscoping meeting juri ċar ukoll li l-Kunsill huwa kontra dan l-iżvilupp fil-Munxar.

3.8 **Laqgħa dwar it-trasport pubbliku li attenda għaliha l-Kunsillier John Baptist Camilleri (35/0623/16/I):**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu attenda l-laqgħa tar-rotot tat-trasport pubbliku organizzata mil-MTI.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja staqsa x'intqal fuq ir-rotta taż-Żonqor.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kien hemm ilment illi x-xufier kien jagħmel 10 minuti jistenna hemmhekk u kien hemm ħafna nies li kienu jkunu rikbin li kienu jinżlu minn tal-linja u jimxuha. Pero` ħafna nies kienu draw il-ħinijiet li jkun hemm tal-linja iż-Żonqor u issa peress li m'għadux jistenna dawk l-10 minuti n-nies mhumiex qed jilħqu tal-linja.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal ukoll illi dawk l-istudenti li jmorru l-Universita' kienu qed jispiċċaw idumu d-doppju tal-ħin sabiex jaslu għaliex tal-linja kienet tgħaddi anke minn ħdejn sptar San Luqa u għalhekk din inbiddlet u ser tibda tmur direttament Mater dei u l-Universita' kif kienet qabel.

Il-Kunsillier is-Sur Camilleri qal illi r-rotta X5 mhijiex ser terġa tibda tiffunzjona għaliex kienu ftit in-nies li ilmentaw dwar dan in-nuqqas ta' servizz.

3.9 **Spejjeż relatati mal-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa organizzata mill-Għaqda Mużikali Sant'Anna (35/0674/16/O):**

Is-Sindku qal illi kellu laqgħa mal-Każin tal-banda rigward l-eżebizzjoni tal-ġimgħa l-kbira u talbu lill-Kunsill sabiex nħallsu l-ispiża tal-fuljetti kif ukoll il-posters u xi mwejjed li għandhom bżonn u bejn wieħed u ieħor dan jammonta għal €300. Kompla jgħid illi din is-sena l-Kunsill ma organizzax il-pageant minħabba l-ispejjeż pero ser issir peagant l-Isla u jixtieq jorganiżża kowċ għall kull min ikun jixtieq jattendi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm imniżżel €600 li l-Kunsill għandu jgħaddi lill-każin u xtaq ikun jaf x'inhuma.

Is-Sindku qal illi din diġa kienet approvata f'seduta tal-Kunsill għaliex dawn is- €600 huma tal-lezzjonijiet tal-mużika li qed jingħataw lit-tfal. Is-€600 ikopru parti mil-ispejjeż tal-għalliem.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi importanti li l-Kunsill ikun imsemmi f'kull ħaġa li nkunu kkontribwixxejna għaliha.

Is-Sindku qal illi din dejjem saret saħansitra fuq il-posters u l-fuljetti dejjem ikun hemm l-emblema tal-Kunsill.

3.10 **Erasmus +:**

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-proġett tal-Erasmus + ser jibda mit-18 sa l-20 ta' Marzu u ġejjien studenti min erba pajjiżi li huma l-Ingilterra,Polonja,Latvja u Ungarija. Stieden lill-Kunsilliera kolla biex jipparteċipaw.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Il-Viċi Sindku s-Sinjura Desiree' Attard staqsiet jekk il-Perit preżenti tal-Kunsill huwa il-Perit William Lewis jew inkella l-Perit Aaron Abela għaliex hawn żewġ pagamenti ta' żewġ Periti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit preżenti huwa il-Perit William Lewis pero l-Perit Aaron Abela ġab ġewwa l-Kunsill ċertifikazzjoni ta' xogħol li kien sar is-sena l-oħra.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagamenti numru #3366 u #3382 tal-kuntrattur Karmig għaliex jidher li hemm xi toroq li qegħdin fiż-żewġ pagamenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Triq il-Kosbor sarula xi xogħolijiet umbagħad fil-pagament l-ieħor kien hemm affarijiet oħra li kienu tranġaw fl-istess triq.

- **Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fit-8:05pm.**

4.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq #3342 rigward id-diesel variation u staqsa jekk hemmx xi rata fissa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din hija parti mill-kuntratt tal-iskart fejn tittieħed ir-rata tal-fuel mingħand l-enemalta u tinħadem għal kull 6 xhur kemm meta tinżel u kemm meta titla r-rata.

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat.**

Il-Kunsill approva unanimament.

7.0 <u>**Approvazzjoni tal-Kwotazzjoniet**</u>:

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-iskeda tal-kwotazzjoni ta' MLC 01/2016 - Lease of Premises as a Training Centre to be used by the Marsaskala Local Council:

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri iddikjara konflitt ta' interess u ħareġ mill-kamra

| No | Contractor | Remarks | Amount |
|---|---|---|---|
| 1 | John Buhagiar | | €2820 |

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi is-Sur Buhagiar kien l-unika offerent u dan huwa l-istess kuntrattur li għandna fil-preżent, kompla jgħid li r-rata żdiedet bi ftit fis-sena.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din il-kwotazzjoni tingħata lis-Sur John Buhagiar.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri reġa daħal lura fil-kamra.

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-quotation schedule ta' <u>MLC 02/2016</u> - Renting of garage/stores:

| No | Contractor | Remarks | Amount |
|---|---|---|---|
| 1 | Ronald Briffa | | €2000 |

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sur Briffa huwa l-kuntrattur illi għandu l-Kunsill fil-preżent u kien l-uniku offerent qal ukoll illi f'dan il-każ ukoll ir-rata fis-sena żdiedet bi ftit.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din il-kwotazzjoni tingħata lis-Sur Ronald Briffa.

8.0 ***Mistoqsija:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija

9.0 ***Mozzjonijiet:***

9.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur John B Camilleri (#113 – 15/1/16) :**

*" Jipproponi li nagħmlu patching fil-Bidni peress li hemm ħafna ħofor u jinstab fi stat ħażin".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

10.0 ***Informazzjoni dwar mill-Kunsilliera:***

10.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa x'ser ngħamlu fuq il-latrini għaliex qed ikollu ħafna ilmenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi filwaqt li jirringrazzja lill-Kuntrattur tal-latrini tax-xogħolijiet ta' manutenzjoni li qed isiru xorta waħda l-latrini qed ikunu maħmuġin u bqajna bl-istess problema.

Is-Sindku qal illi bħal ma diġa qal ħafna drabi hija impossibli illi jkollok servizz tajjeb bir-rata tat-tender li għandu l-kuntrattur, kompla jgħid illi din hija problema li qed nerġgħu naffaċjaw fit-tender tas-soft areas, qal ukoll illi l-latrini iridu jkunu bi ħlas sabiex din il-problema tintem. Qal ukoll illi tajjeb nibgħatu lill-ETC sabiex jibgħatulna xi nies sabiex ikunu jistgġu jieħdu ħsieb il-latrini huma filwaqt li l-kuntratt jibqa għaddej.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi anke lilu daħlulu rapporti li l-lattrini jinstabu maħmuġin u meta nforma lill-Kuntrattur dan qallu li ma kienx vera, b'hekk hu mar jiċċekja personalment u sab li l-latrini vera kienu maħmuġin ħafna u għalkemm informa lill-kuntrattur dwar dan u wissu sabiex imur idur ma ħaddiem min tal-Kunsill u jnaddaf fejn hemm il-ħmieġ dan xorta waħda ma sarx.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm latrini li għandhom bżonn manutenzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Kunsill jerġa jibgħat lill-ħaddiem tal-RSS mal-kuntrattur sabiex inaddaf il-latrini kif ukoll li nibgħatu lill-ETC hekk kif ppropona s-Sindku.

10.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi konna tkellimna sabiex isiru xogħolijiet ġewwa l-Bidni u xtaq ikun jaf fiex wasalna.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi diġa kienu saru interventi bil-konskos u bl-asfalt madankollu għad fadal ħafna x'isir. Ser jerġgħa jingħata cold asphalt peress li flus għal hot asphalt m'hemmx għal din is-sena. Hekk kif jerġu jinfetħu l-applikazzjonijiet tal-UE, is-Segretarju Eżekuttiv jerġa japplika biex issir parti estensiva oħra.

10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tal-Kumitat tal-Kultura u informa lill-Kunsilliera min jagħmel parti min dan il-kumitat, kompla jgħid illi tajjeb isir budget għal kull attivita hekk kif kien jagħmel is-Sur Alfred Debono u dan jiġi ppreżentat waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi fis-sajf ser ikun hawn karnival ġewwa Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa meta ser isir il-karnival tas-sajf.

Is-Sindku qal illi x'aktarx ser isir fix-xahar t'Awwissu u l-Kunsill mhux ser iħallas xejn.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb li niċċekjaw sew mal-organizzaturi ta' dan il-Karnival sabiex nassiguraw li ~~ma jkunx jinvolvi~~ spejjez lill-Kunsill għaliex f'Lokalitajiet oħra dejjem kien hemm spiża kbira. Kompla jgħid illi tajjeb ninfurmaw lil dak il-persuna li għadna kwotazzjoni magħna sabiex jipprovdi l-isponsors għal din l-attivita'.

Il-Kunsill qabel unanimament.

10.4 Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar informat lill-Kunsill bl-attivitajiet li hemm pjanati fosthom il-kompetizzjoni tal-fotografija li ser issir bejn it-23 u 24 t'April 2016 kif ukoll ser ikun hemm eżebizzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Banda Sant Anna bejn is-17 u l-25 ta' Marzu 2016 Sala Sant Anna u San Ġwakkin.

11.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar it-L-erbgħa 23 ta' Marzu 2016 fis-6.00pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku